15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 7

**Emenda 7**
**Inês Cristina Zuber, Martina Michels, Curzio Maltese, Barbara Spinelli, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Patrick Le Hyaric, Rina Ronja Kari, Anja Hazekamp**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
Tħejjija ta' Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi r-risposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-kriżi ekonomika, soċjali u demokratika, bħall-qafas tal-governanza ekonomika, neħħiet b'mod permanenti l-għażliet politiċi minn idejn il-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali sovrani u eletti demokratikament, tipprevjeni l-kontroll demokratiku mill-popli tal-Ewropa u tistabbilixxi awsterità permanenti;*** |

Or. en

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 8

**Emenda 8**
**Inês Cristina Zuber, Martina Michels, Curzio Maltese, Barbara Spinelli, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Patrick Le Hyaric, Rina Ronja Kari, Anja Hazekamp**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
Tħejjija ta' Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jissottolinja l-fatt li l-livell ta' dejn pubbliku u estern fil-pajjiżi periferiċi tal-UE hu fost l-akbar fid-dinja – konsegwenza tan-natura asimetrika tal-proċess ta' integrazzjoni; ifakkar li dan id-dejn serva bħala pretest għall-impożizzjoni ta' miżuri ta' awsterità, li l-konsegwenzi reali tagħhom kienu aktar faqar u dejn; jikkunsidra li hu indispensabbli li jiġi affrontat il-piż tad-dejn, li jiġi negozjat mill-ġdid (jiġi ristrutturat u mnaqqas sostanzjalment) u li jinġieb f'livelli sostenibbli, u dan bħala kwistjoni ta' urġenza u ta' ġustizzja elementari;*** |

Or. en

**Emenda 9**
**Inês Cristina Zuber, Martina Michels, Curzio Maltese, Barbara Spinelli, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Patrick Le Hyaric, Rina Ronja Kari, Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
Tħejjija ta' Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. ***Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-partijiet interessati kollha, tesplora l-possibilitajiet kollha biex tikkunsidra t-tisħiħ tal-UEM u biex tagħmilha aktar reżistenti u li tiffaċilita t-tkabbir, l-impjegabilità u l-istabilità, flimkien ma' dimensjoni soċjali ffokata fuq il-preservazzjoni tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropea, u r-rispett tad-dritt għal negozjar kollettiv, li tiżgura l-koordinament tal-politiki soċjali tal-Istati Membri, inkluż il-paga minima jew mekkaniżmu ta' dħul xieraq u deċiż minn kull Stat Membru, u l-appoġġ għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol u l-mobilità u l-flessibilità volontarja bejn il-professjonijiet u l-Istati Membri;*** | 16. ***Huwa tal-fehma li l-Patt ta' Stabilità, it-Trattat dwar l-Istabilità, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-UEM u l-leġiżlazzjoni dwar il-governanza ekonomika, bħall-pakkett ta' sitt proposti leġislattivi u l-pakkett ta' żewġ proposti leġislattivi għall-governanza ekonomika u l-Patt Euro Plus jeħtieġ li jiġu revokati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-inizjattiva ta' bidla radikali fil-politika makroekonomika, bl-għan li tiżgura r-responsabilità demokratika, it-trasparenza u l-kapaċità tal-Istati Membri li jsegwu politiki li jittrattaw il-ħtiġijiet rispettivi tagħhom, inklużi miżuri ta' stimolu fiskali soċjalment bilanċjati;*** |

Or. en

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 10

**Emenda 10**
**Inês Cristina Zuber, Martina Michels, Curzio Maltese, Barbara Spinelli, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Patrick Le Hyaric, Anja Hazekamp, Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
Tħejjija ta' Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jemmen bil-qawwa li l-arkitettura tal-governanza ekonomika u tal-UEM hija mtappna u mhux demokratika; jinsisti li l-Patt ta' Stabilità u Tkabbir jiġi sostitwit b'Patt reali ta' Impjiegi u Żvilupp, imsejjes fuq kriterji soċjali u ambjentali għall-ġid tal-persuni kollha fl-UE; jappella wkoll biex issir konferenza intergovernattiva bil-għan li tabroga l-Patt Fiskali u jappoġġa s-sospensjoni immedjata tiegħu sa ma ssir din il-konferenza;*** |

Or. en

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 11

**Emenda 11**
**Inês Cristina Zuber, Martina Michels, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Patrick Le Hyaric, Rina Ronja Kari, Anja Hazekamp**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
Tħejjija ta' Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Iqis li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Bankarja sservi biss l-interessi tal-kapital finanzjarju kbir fl-UE u tikser il-prinċipji demokratiċi bażiċi; jiddefendi l-abrogazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Bankarja u l-ħtieġa li jkun żgurat kontroll pubbliku demokratiku fuq is-sistema bankarja;*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Inês Cristina Zuber, Martina Michels, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Patrick Le Hyaric, Anja Hazekamp, Dimitrios Papadimoulis**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
Tħejjija ta' Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 15b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***15b. Jitlob bidla radikali fl-istatut u fil-mandat tal-BĊE bl-iskop li jkun żgurat il-kontroll politiku u demokratiku tiegħu mill-Istati Membri fuq bażi ugwali; jemmen li huwa essenzjali li lill-Istati Membri tingħatalhom lura s-setgħa li jiddeċiedu dwar politiki ekonomiċi kruċjali bħall-politika monetarja;*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Inês Cristina Zuber, Martina Michels, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Patrick Le Hyaric, Anja Hazekamp**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
Tħejjija ta' Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 15c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15c. Jemmen li hu meħtieġ li l-BĊE jinbidel f'mutwanti primarju li jista' jaġixxi bħala bank ċentrali normali u għaldaqstant jistimola l-ekonomija f'perjodi ta' deflazzjoni u ta' reċessjoni; f'dan il-kuntest, jinsisti li l-BĊE u l-BEI għandhom jiffinanzjaw direttament l-investment pubbliku biex jappoġġaw l-ekonomija reali minflok prezzijiet artifiċjali ġodda tal-assi;*** |

Or. en

15.9.2015

B8-0656/2015 }
B8-0659/2015 }
B8-0662/2015 }
B8-0663/2015 } RC1/Am. 14

**Emenda 14**
**Inês Cristina Zuber, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Anja Hazekamp, Jean-Luc Mélenchon**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
Tħejjija ta' Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jitlob il-ħolqien ta' programmi ta' appoġġ għal dawk l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jinnegozjaw il-ħruġ mill-euro minħabba li s-sħubija tagħhom tkun saret insostenibbli u insapportabbli; iqis li tali programmi jistgħu jaħsbu għal kumpens adegwat għall-ħsara soċjali u ekonomika kkawżata;*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Inês Cristina Zuber, Neoklis Sylikiotis, Takis Hadjigeorgiou, Patrick Le Hyaric, Jean-Luc Mélenchon**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE**
Tħejjija ta' Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2016

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jitlob l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' emerġenza għall-appoġġ tal-ekonomiji ta' pajjiżi fejn intervjeniet it-trojka, u biex dawn il-pjanijiet jipprovdu riżorsi finanzjarji u l-eċċezzjonijiet meħtieġa għall-funzjonament tas-suq uniku u l-politiki komuni;*** |

Or. en